# Il-Lunzjata fi kwadru tas-seklu 17
# Mużew tal-Katidral, Mdina[1]

Żjara lejn il-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina għandha toffri ċ-ċans biex wieħed ikun jista' japprezza diversi kwadri nteressanti, kif ukoll oġġetti oħra li huma marbuta ma' l-istorja tal-Knisja Katidrali, kif ukoll mal-knisja lokali. Hawnhekk niltaqgħu ma' kwadri li kienu jintużaw fil-kappelli, inkella f'partijiet oħra tal-katidral il-qadim. Maż-żmien, bħalma wieħed jista' jimmaġina, kienu jitneħħew biex jinbidlu, iżda almenu sal-lum dawn għadhom jidhru fl-istess kollezzjoni estensiva li nsibu fil-Mużew tal-Katidral.



Wieħed minn dawn il-kwadri huwa fil-verita` dak li fadal mit-tiżjin li kien hemm fl-orgni antik ta' l-istess Katidral. L-orgni kien sar fil-bidu tas-seklu sbatax, u mal-ġnub d-dawra tal-kaxxa ta' l-injam tiegħu, kienu saru erba` biċċiet xogħol. Kien hemm murija San Pawl u San Pietru, kif ukoll l-Arkanġlu Gabriel u l-Madonna Lunzjata.

L-artist mhuwiex magħruf u minħabba f'hekk wieħed għadu jittama li tista` ssir aktar riċerka ħalli jkun magħuf dan l-artist li ħallielna biċċa xogħol tajba. Għalkemm skond kritiċi ta' l-arti dan l-artist kien għadu jaħdem fl-istil manjerist ta' l-Italja t'isfel, fl-istess ħin jidher ukoll li kellu taħriġ tajjeb.

Il-kwadru tal-Lunzjata huwa monumentali fl-istess ħin. Għandu l-kuluri tiegħu sbieħ u anke ħajjin. Il-Madonna hija murija għarkobbtejha fuq ġenuflessur. Din il-biċċa għamara hija ferm iddekorata u elaborata, li għalkemm mhux daqshekk importanti għas-suġġett toffri wkoll dettalji li turi l-kapaċita` ta' l-istess artist. Filwaqt li l-id ix-xellugija tal-Madonna qegħda sserraħ fuq il-ġenuflessur, b'idha l-oħra qegħda tilqa` l-messaġġ li Alla bagħat, meta nqeda bil-messaġġier tiegħu, l-Arkanġlu Gabriel. Ħamiema bajda fil-parti ta' fuq tal-kwadru tgħaqqad ukoll il-Madonna mas-Sema, hekk kif b'idejha miftuħa qegħda turi li aċċettat għat-talba ta' Alla l-Missier. L-arkitettura li hija imdaħħla f'dan il-kwadru fuq wara hija interessanti wkoll. Fl-istess ħin il-kuluri wżati fil-kolonni jindikaw xi ħaġa simili għal mod kif jiġu irħamati l-istess kolonni ta' l-injam li jkollna fil-festi Maltin. Il-fatt li fuq wara hemm indikat muntanja, jista` jkun li dan juri li l-artist kien Sqalli, jew inkella ġej mill-inħawi ta' Napli. L-orgni tal-knisja kien sar fl-1604 f'Napli, filwaqt li tliett snin wara, l-isqof kien ikkummissjona lill-artist Francesco de Oneo biex jiddekora l-istess orgni. Ma nafux jekk dan l-artist kienx responsabbli għall-istess pitturi li semmejna, jew inkella biex żejjen l-istess orgni b'dekorazzjoni



oħra.

Dan huwa parti oħra mill-istess patrimonju artistiku u reliġjuż tal-gżejjer Maltin, li qiegħed merfugħ ħalli jkun jista` jiġi priservat kif ukoll apprezzat minn kulħadd.

Vincent Zammit

[1] Għal aktar informazzjoni dwar il-kollezzjoni tal-Muzew kif ukoll dwar dan il-kwadru ara Antonio Espinosa Rodriguez **the Paintings at the Cathedral Museum** 2005.

*Dan l-artiklu kien deher fil-programm tal-festa tal-Lunzjata Gudja 2006*